MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Numru 275/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**Edward Farrugia**

**Illum,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Edward Farrugia**, ta' 24 sena, bin Carmelo u Antonia nee' Galea, imwieled il-Pieta fit-23 ta' Dicembru 1979, u li joqghod fil-fond nru. 102, Flat 5, Triq San Duminku, Valletta, detenur tal-karta ta' l-identita bin-numru 21380M, talli;

1. fit-12 ta’ Awissu 2002 u fil-gimghat ta’ qabel, fil-Belt Valletta u f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer, kellek fil-pussess tieghek ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-ligijiet ta’ Malta, jew kellek fil-pussess tieghek il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fil-11 ta’ Awissu 2002 u fix-xhur ta’ qabel f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f’xi document mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz billi wahhalt sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru DAO 782 fuq vettura tal-marka Ford Escort bin-numru originali KAT 064, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta, Malta;

3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni jew xjentement ghamilt uzu minn xi document iehor falsifikat billi wahhalt in-numru tar-registrazzjoni DAO 782 li jappartjeni vettura ohra tal-ghamla Ford Anglia, kif ukoll licenzja ta;-‘windscreeen’ li wkoll tappartjeni vettura ohra tal-ghamla Skoda bin-numru tar-registrazzjoni originali JAO 119, fuq vettura ohra tal-ghmla Ford Escort bin-numru originali KAT 064 ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’Malta.

4. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, soqt vettura tal-ghamla Ford Escort (bin-numru tar-registrazzjoni originali KAT 064), b’numru tar-registrazzjoni DAO 782 li huwa falz, meta din ma kienitx registrata mall-Kummissarju tal-Pulizija jew mall-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, b’hekk ma kienitx koperta b’licenzja jew polza ta’ l-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18 u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali datata 24 ta’ Marzu 2004 skond l-artiklu 22(2) Kap 101 sabiex l-imputat jitressaq

quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghal-akkuzi kontra tieghu ghall-ksur tal-provediment tal-Kap 101.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 t'April, 2004 skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9, sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat illi l-imputat rregistra n-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu ghal-istess procedura skond kif jirrizulta mill-ezami tieghu datat l-1 ta' gunju 2004;

Semghet ukoll l-ammisjoni tal-imputat wara li l-Qorti accertat ruhha li l-istess imputat fehem l-akkuzi addibitati lilu u dan peress illi ddikjara li ma rridx ikun assistit minn avukat;

Wara li rat l-atti tal-kawza u semghet il-provi bil-gurament, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 8(a) u (d) Kap 101, 188 u 189 tal-Kap 9, 3 Kap 104 (kif vigenti qabel it-30 ta' Marzu 2004), 17, 18, 26 u 31, AL 128/1994, u 15(1) (a) u 18 Kap 65.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat li ghalhekk jista' jitqies bhala first offender ai termini tal-Kap 446. Il-Qorti ghalhekk qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxerti minn din is-sentenza.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita u tinnomina ghall-dan l-iskop lill-Ispizjar Mario Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------